MIXJIET MADWAR GĦAWDEX (1)

# L-Identità Għawdxija



*Jiktbilna*
**ANTON TABONE**

**Wara tnejn u erbgħin sena fil-Parlament, kemm bħala Rappreżentant ta' l-Għawdxin - li minnhom aktar minn disa' bħala l-ewwel Ministru għal Għawdex - u kemm bħala President tal-Kamra tad-Deputati, ANTON TABONE għadu jimrah fiżikament u intellettwalment madwar Għawdex, jitkellem man-nies li ta' spiss jipprovokawh b'mistoqsijiet bhal dawn:**

***Teżisti identità Għawdxija?***
***Jekk teżisti, għandna espressjoni tagħha?***
***L-Għawdxin iħossuhom kburin bl-identità tagħhom?***

**B'identità Għawdxija nifhem li din tikkomprendi dak kollu li hu Għawdxi u jappartjeni lill-Għawdex. Ċertament din id-definizzjoni mhix waħda kompleta. L-identità trid issib espressjoni; trid tiġi esternata quddiem kulħadd bla biża', anzi b'kuraġġ u b'orgolju. Il-mod kif naħsbu, kif nitkellmu, kif naġixxu, kif ngħixu, huwa dak li jagħmilna min aħna. Teżisti għaġna partikolari għalina li bi ftit jew b'wisq tiddistingwina mill-kumplament. Hawn noqgħod attent biex nenfasizza il-kelma tiddistingwina u mhux tisseparana mill-kumplament; għax wara kollox aħna poplu wieħed li jgħix f'żewġ gżejjer bil-baħar jaqsam li ħoloq id-distinzjoni li semmejt.**

Dan li qiegħed ngħid mhu xejn ġdid, anzi hu l-ovvju. Kienet in-natura li ħolqot din ir-realtà, u min jirrispetta n-natura irid jirrispetta ukoll ir-realtà. Per konsegwenza din ir-realtà mal-medda taż-żmien tat lok għad-distinzjoni li teżisti bejn gżira u oħra li lkoll kemm aħna rridu nirrispettawha, jekk irridu nifhmu lil xulxin. Xejn drammatiku. Anzi minn din id-distinzjoni, il-pajjiż isir iktar attraenti u jkabbar l-immaġni tiegħu f'kuntest nazzjonali, u allura ukoll f'kuntest internazzjonali.



Din id-distinzjoni li semmejt hija espressa f'diversi modi. Per eżempju, Għawdex għandu d-Djoċesi tiegħu, bil-Katidral, bis-Seminarju u b'Isqof tiegħu u għalih. Din hi xi ħaġa speċifika li tappartjeni lill-gżira u li tkompli turiha distinta, anki f'dan il-qasam ewlieni fil-ħajja tagħna l-Għawdxin. Ir-realtà tiddetta n-neċessità ta' Knisja Għawdxija. **Matul iż-żmien id-Djoċesi saret espressjoni qawwija fl-identità tal-gżira. Id-Djoċesi ilha magħna għal iktar minn mija u erbgħin sena u tat prova li minkejja l-limitazzjonijiet kollha immaġinabbli, irnexxielha ssostni ruħha u tiżviluppa fl-istess ħin.** Jekk trid tista' tapplikalha l-frażi li hija tant użata fi żminijietna, dik ta' "żvilupp sostenibbli".

Tixirqilha dik id-definizzjoni, għalkemm normalment dik il-frażi hi l-aktar marbuta ma' żvilupp ta' natura ekonomiku u ta' produttività. Infatti minn kemm ilha mwaqqfa d-Djoċesi ħarġu minnha tant saċerdoti u reliġjużi, biex ma nsemmix ukoll Ordnijiet ta' sorijiet, li *a proporzjon*, jipparagunaw tajjeb ħafna ma' Djoċesijiet ferm ikbar fil-popolazzjoni tagħhom. Ħafna minn dawn is-saċerdoti ħarġu barra l-pajjiż fejn taw, jew qegħdin jagħtu servizz mill-aktar bżonnjuż fl-art tal-missjoni li għażlu. Il-Liturġija fil-funzjonijiet reliġjużi li jinżammu fil-knejjes t'Għawdex huma kif jissejjaħ bl-Ingliż, *second to none*. Dan ukoll jgħin biex Għawdex ikabbar l-identità tiegħu li tkompli tiddistingwih u toħroġ dejjem iktar fid-deher.

Hemm għadd ta' eżempji oħra. L-iktar wieħed prominenti li jiġini f'moħħi hu l-ħolqien tal-Ministeru għal Għawdex, b'Ministru tiegħu u għalih. **Il-ħolqien tal-Ministeru, wieħed u għoxrin sena ilu, jixhed ir-realtà unika tal-gżira Għawdxija fl-Arċipelagu Malti, u jesprimi bla ebda ekwivoku l-identità ta' Għawdex f'kuntest nazzjonali. Il-Ministeru bl-istrutturi tiegħu kellu jissanzjona l-awtonomija tal-gżira fi ħwejjiġha.** Fil-fehma tiegħi, jgħid x'jista jgħid



ħaddieħor u jkollu kemm ikollu riżervi, **il-ħolqien tal-Ministeru għamel l-ikbar ġustizzja storika ma' Għawdex u ma' l-Għawdxin** għax b'mod uffiċjali rrikonoxxa, anzi istituzzjonalizza l-identità tiegħu u ta' min jgħix fih.

Eżempju ieħor hu **l-waqfien tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex kważi ħamsin sena ilu.** Dak iż-żmien kien jissejjaħ Kunsill Ċiviku u kieku llum kien jissejjaħ Kunsill Reġjonali. L-Ordinanza li waqqfietu dakinhar bil-provedimenti tagħha, għadha valida u applikabbli anki llum. Infakkar li dak **il-Kunsill kien twarrab fl-1973** permezz ta' mistoqsija f'Referendum li kienet intenzjonalment ambigwa li poġġiet lill-elettorat għawdxi f'dilemma u ċioe' li kien se jispiċċa tellief kull kif jiddeċiedi. Imma forsi dik hi storja oħra li tista' tiġi rrakkontata darb'oħra. **Ngħid biss li l-Ministeru u l-Kunsill jikkumplimentaw lil xulxin u jistgħu jiffunzjonaw flimkien bla xkiel, anzi jkomplu jseddqu l-awtonomija tal-gżira u jsaħħu l-identità tagħha.**

Jekk imbagħad l-Għawdxin humiex konxji ta' l-identità tagħhom, jidhirli li dawk li huma konxji tagħha żgur li jħossuhom kburin biha. Nemmen li jeżisti sentiment fuq l-identità Għawdxija li hu mifrux mal-gżira kollha. Imma dan is-sentiment hu pjuttost sieket li rari jirnexxielu jerfa' rasu biex jidher jew jgħolli leħnu ħa jinstema'. L-intensità tiegħu tista' tkun qawwija ma' ċerti nies u f'ċerti waqtiet, u dgħajfa m'oħrajn u f'waqtiet oħra.

Naħseb ukoll li r-raġuni ta' dan ix-xenarju ġej min-nuqqas t'għarfien fuq din l-istess identità u speċjalment fuq il-veru tifsira tagħha. Ma nsibux nistudjaw biżżejjed dwarha, għalkemm ma nixtieqx inħalli barra pubblikazzjonijiet siewja u importanti f'dan il-qasam. Jonqosna nsibu l-aħjar mod kif iservi **għall-aktar għarfien ta' x'għandha tkun id-definizzjoni awtentika u edukata ta' l-identità tal-gżira Għawdxija.**

Ħafna drabi l-identità tiġi marbuta unikament ma' l-ambjent tal-gżira, bil-karattru u bil-karatteristiċi tagħha, u kif dawn ukoll jiddistingwu gżira mill-oħra, billi Għawdex hu iktar fertili, mimli għoljiet u widien u l-bqija. Dan ix-xenarju ukoll jikkostitwixxi parti mill-identità. Din hi l-identità li tolqot l-għajn. Imma n-nies li jgħammru fih u l-mod kif jgħixu u jaħsbu jagħtuh ir-ruħ u jixhdu u jxandru l-identità vera u propja tiegħu. **Fil-qosor, aħna l-Għawdxin irridu nagħrfu ningħaqdu fi ħwejjiġna u fil-preżentazzjoni tagħhom f'kuntest nazzjonali.** *anton.tabone@onvol.net*


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fis-Sajf fil-għodu biss: 10.00am - 1.00pm*





Skont ta' 10% fuq kotba ta'

qari tajjeb g]at-tfal... is-sena kollha!